MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 158/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Micallef**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Camilleri u Paul Micallef talli f'dawn il-Gzejjer gewwa l-Isptar Monte Carmeli fit-22 ta' Jannar 2004:

(1) Lil Carmel Camilleri wahdu talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Azzopardi ID: 51454(G) hekk kif iccertifika Dr. D. Galea Reg. No. 2750 MD liema persuna hija nurse fl-imsemmi Sptar waqt il-qadi ta' dmirha;

(2) Lil Carmel Camilleri wahdu talli gewaa l-Isptar Monte Carmeli ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tan-nurse Mary Azzopardi ID: 51454(G) persuna inkarigata minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwiexxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(3) Lil Carmel Camilleri wahdu talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Incorvaja ID: 493953(M) hekk kif iccertifika Dr. D. Galea Reg. No. 2750 MD liema persuna hija nurse fl-imsemmi Sptar waqt il-qadi ta' dmirha;

(4) Lil Carmel Camilleri wahdu talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fuq proprjeta` tal-Gvern ta' Malta liema hsara ma teccedix Lm10 (ghaxar liri Maltin);

(5) Lil Paul Micallef wahdu talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda fit 22 ta' Jannar 2004 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-Isptar Monte Carmeli ingurja, hedded b'delitt jew ghamel offiza fuq il-persuna tan-nurse Joseph Incorvaja ID: 493953(M) persuna nkarigata minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi l-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(6) Lil Paul Micallef wahdu akkuzat b'komplicita` fid-delitti kollha imputabbli lil Carmel Camilleri fil-konfront tal-vittma Joseph Incorvaja;

(7) Lil Paul Micallef u Carmel Camilleri flimkien talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat glied jew b'mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba tipprovdi ghas-sigurta` ta' Joseph Incorvaja, Mary Azzopardi u l-familji taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku u, flimkien mal-piena, torbot

lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tittratta ma' l-imputati Carmel Camilleri u Paul Micallef talli huma recidivi b'diversi sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet li hemm l-estremi biex jigi applikat l-artikolu 33 tal-Kap. 9 u konsegwentement ddikjarat lill-imsemmi Paul Micallef ezenti minn kull responsabbilta` kriminali;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-26 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata, terga’ tghaddi ghas-sentenza u, flimkien mad-dikjarazzjoni ta’ ezenzjoni minn kull responsabbilta` kriminali, taghmel l-ordni relattiva fil-konfront ta' l-appellat skond l-artikolu 623(1) tal-Kodici Kriminali jew, alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat lil Paul Micallef ezenti minn kull responsabbilta` kriminali, thassarha w tirrevokaha fil-bqija u tordna li dan jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa’ taht il-kustodja u mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar is-Sahha Mentali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa fis-sens li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-proceduri li segwew, l-ewwel Qorti kellha taghzel wahda minn zewg toroq: jew li taccetta l-ammissjoni ta' l-appellat (allura imputat) u tiddikjarah hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba

kontrieh u tikkundannah skond il-ligi, jew inkella taccetta r-rapport ta' l-esperti nominati minnha, tiddikjarah ezenti minn kull responsabbilta` kriminali skond l-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali u taghmel ordni kif previst fl-artikolu 623(1) ta' l-istess Kodici.

Jirrizulta li fit-23 ta' Jannar 2004 l-appellat tressaq b'arrest flimkien ma' certu Carmelo Camilleri u gew akkuzati bl-imputazzjonijiet suelenkati. L-Avukat Generali kien ta l-kunsens tieghu skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. L-appellat ma sab l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. B'hekk il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali giet kompetenti li tittratta l-kaz u effettivament ipprocediet hekk.

Fil-fatt l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti izda, in segwitu ghax-xiehda moghtija minn Dottor Anton Grech, l-ewwel Qorti nnominat lil Dottor Joseph Cassar, lil Dottor Ethel Felice u lil Dottor George Debono sabiex jinvistaw lill-appellat u jirrelataw dwar l-istat mentali tieghu b'referenza partikolari ghall-mument tal-kommissjoni tar-reat. Fir-relazzjoni guramentata taghhom l-esperti psikjatri rrilevaw li l-appellat ghandu storja twila ta' mard mentali li f'termini tal-ligi jaqa' taht mard ta' genn kroniku li jaffettwa l-*volere* u l-*intendere*; li ghalkemm ma setghux jghidu fic-cert li fil-gurnata ta' l-allegat reat l-appellat kien qed ibati minn genn jew le, f'kuntest tal-marda li ghandu, il-probabbilita` hi li l-istess marda affettwatlu l-hsieb u l-agir tieghu; li meta gie ezaminat minnhom wera deluzjonijiet serji li jekk ikun fi stat li jista' jagixxi jista' jkun ta' periklu ghalih u ghal haddiehor; li meta gie ezaminat ma kellux l-abilita` li jifhem l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u l-kapacita` li jiggwida lid-difensur tieghu; u li ghandu jibqa' taht kura kustodjali go l-Isptar Monte Carmeli fejn jista' jiehu l-kura mehtiega.

L-ewwel Qorti korrettement ikkonkludiet li jezistu l-estremi biex l-appellat jigi dikjarat ezenti minn kull responsabbilta` kriminali a tenur ta' l-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali. Din il-konkluzjoni fil-fatt mhijiex kontestata mill-appellant Avukat Generali. Dak li l-appellant qieghed jikkontendi

huwa li l-ewwel Qorti kellha mbaghad taghmel l-ordni opportun skond kif provdut fl-artikolu 623(1) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tghid bla tlaqliq li l-appellant ghandu ragun.

Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 525 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 623 ighoddu wkoll ghall-Qorti tal-Magistrati fil-kazijiet ta' kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-kaz in dizamina, wara l-kunsens moghti mill-Avukat Generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-appellat, kien qieghed jigi trattat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ghalhekk l-artikolu 623 huwa applikabbli ghal dan il-kaz.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 623 jipprovdi li meta, fuq allegazzjoni ta' genn, "l-akkuzat jigi dikjarat mignun, il-Qorti tordna li jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Karmelu biex hemmhekk jibqa' taht kustodja u mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar is-Sahha Mentali jew kull disposizzjoni ohra ta' ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz, u dawk id-disposizzjonijiet ghandhom japplikaw ghall-akkuzat skond dan."

In vista tal-konkluzjonijiet raggunti mill-esperti psikjatri, l-appell ta' l-Avukat Generali qieghed ghaldaqstant jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellat ezenti minn responsabbilta` kriminali a tenur ta' l-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali, izzid maghha billi, a tenur ta' l-artikolu 623(1) tal-Kodici Kriminali tordna li l-appellat jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Karmelu biex hemmhekk jibqa' taht kustodja u mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' l-Att dwar is-Sahha Mentali (Kap. 262) jew kull disposizzjoni ohra ta' ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz, u dawk id-

disposizzjonijiet ghandhom japplikaw ghall-appellat skond l-imsemmi artikolu.

Tordna notifika lid-Direttur ta' l-Isptar Monte Karmelu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------